


# Darba kellna lil *Connie*

## – telfa kbira ta' ajruplan glorjuż

**kitba ta' Pawlu Azzopardi**

### Nota Editorjali

Nistqarr magħkom li meta Pawlu nfurmani li din is-sena kien bi ħsiebu jikteb dwar l-ajruplan *Super Constellation*, li għamel tant snin maġenb iċ-ċimiterju ta' Ħal Kirkop bħala *Bar* u *Restaurant*, nissilli tifkiriet nostalġiċi li marru lura għal aktar minn tlieta u għoxrin sena. Kien proprju permezz ta' flixkun *Schweppes* ma' missieri f'dan l-ajruplan, li middejt saqajja għall-ewwel darba f'Ħal Kirkop. F'għajnejn ta' tifel żgħir li għadu qatt ma tela' ajruplan, is-*Super Constellation* kien tassew xi ħaġa tal-għaġeb! Kif soltu tiegħu, Pawlu jikteb fuq l-esperjenzi personali tiegħu, kif għexhom, jiftakarhom, jew jismagħhom jingħadu minn ġenerazzjoni għall-oħra. U hekk hu proprju din is-sena li qed jikteb fuq tifkira li kienet sinonima ma' Ħal Kirkop, u sfortunatament inqerdet b'irresponsabbiltà.

Għal aktar minn għoxrin sena, Ħal Kirkop, ir-raħal żgħir u relattivament kwiet, kien qed jagħmel isem ġdid mal-barranin u l-Maltin. Fir-raħal kellna xi ħaġa unika, *landmark* li kif taqbeż iċ-ċimiterju ta' San Nikola kont issib wiċċek magħha. Hekk kont issib, lil *Connie*, ajruplan sabiħ u rari. Il-wieħed mill-ftit, għax kull ma ġew mibnija minnhom kienu 856. Dawn kollha ġew mibnija mill-Kumpanija Amerikana *Lockheed* bejn l-1942 u l-1958. Il-produzzjoni tagħhom waqfet, għalhekk kienu saru rari. Ftit snin ilu, kien ikkalkulat li mad-dinja kollha fadal biss minnhom xi 69, u nofshom kienu lesti għall-qerda assoluta, xi wħud kellhom jiġu kkannibalizzati għal l-i*spareparts*. Jaħasra, tagħna kien għadu pinna, hawn min kien tal-fehma li bi ftit manutenzjoni, l-*Connie* tagħna kien jista' jtir! Dan ma kellux ikun, għax kif ser naraw aktar l-isfel, messitu xorti oħra, ferm kattiva...

Kif ġà għidt, *Connie* fl-aqwa tiegħu, (kont ser ngħid fl-aqwa tagħha, għax Connie femminili, iżda ajruplan għalina maskil) kien l-attrazzjoni prinċipali, u kien jiġbed ħafna nies, speċjalment turisti u delettanti tal-avjazzjoni. Isem Ħal Kirkop, sab ismu fuq il-mappa ta' Malta, għalkemm isem Ħal Kirkop kien qed jissemma ħafna minħabba li kien qed jinbena r-*runway* il-ġdid tal-ajruport internazzjonali ta' Malta, fejn bit-tajjeb u l-ħażin mijiet ta' tmien



Il-fdal tas-Super Constellation wara li xi vandali tawh in-nar.

ta' raba' tal-Koppin kien qed jiġi meħud biex isir dan l-iżvilupp essenzjali. Min jaf kemm turisti sabu ruħhom f'Ħal Kirkop bis-saħħa ta' *Connie*. L-influss, ta' turisti kien l-aktar fil-*weekends*, u għalina li konna żgħażagħ kien żvog ġdid fejn wieħed iqatta' ftit ħin.

Min hu tal-età tiegħi jew akbar, żgur jiftakar dak l-ajruplan maestuż, bi ġwienaħ kbar, qisu tajra tal-priża kbira li niżlet tistrieħ mill-vjaġġ twil tagħha, tistkenn għad-dell ta' ħarruba kbira. Għalkemm il-*Connie* m'għadux magħna aktar, u ħafna tfal u żgħażagħ lanqas biss jafu b'din it-traġedja, il-post f'Ħal Kirkop fejn qatta' kważi 25 sena jibqa' marbut ma' dan il-famuż ajruplan.



**L-ajruplan bħala Bar u Restaurnat fl-aqwa tiegħu.**

Wieħed jistaqsi, min kien *Connie*? Dan l-ajruplan tat-tip *Super Constellation*, ġie kkummissjonat għall-kumpanija *Transporter Aereos Portugueses* (TAP) fil-15 ta' Settembru 1955 (ħames xhur qabel ma twelidt jien) bin-numri L1049G CS-TLC bl-isem ta' *Cago Coutinho*, u nbiegħ wara 12-il sena ta' servizz f'Settembru tal-1967. Huwa kien għamel aktar minn 23,000 siegħa jittajjar fuq l-Atlantiku, u għamel inżulijiet aktar minn 6,000 darba.

Il-wasla f'artna ta' dan l-ajruplan kienet prevista, u mhux kif kienet ix-xniegħa li dan niżel għax kellu xi ħsara fil-magni. Il-pjan tat-titjira kellha tkun Miami-New Yoru-Shannon-Lisbon. Infatti kellu skedat, waqfa f'Malta, għax kif jidher, is-sidien ġew biex jinnegozjaw biex jibdew jagħmlu waqfa teknika fl-ajruport ta' Ħal Luqa. Dan joħroġ mill-fatt li huma kienu għarrfu bil-quddiem lill-*handlers* tagħhom - *The Malta Steamship Company*.


**Il-Conni fi stat ta' telqa u abbandun.**

Fuq l-ajruplan, bħala crew kellu lill-Kaptan Major, *Co-Pilot* Hank A. Wharton (li kien sid l-ajruplan ukoll) u *Flight Engineer* Bodin. Fuqu kien hemm ukoll is-sinjura ta' Kaptan Major u Mr Horder. Meta ġie ċċekkjat in-numru tar-reġistrazzjoni tiegħu, 5T-TAF, instab li dawn kienu foloz u kienu jappartjenu lill-ajruplan żgħir Cessna Skylane.

Dan l-ajruplan kien qed iġorr tagħbija ta' *tyres* tal-ajruplani, li kienet misruqa għalhekk il-*crew* ġew arrestati u mressqa l-Qrati Maltin, fejn wara li ħarġuhom fuq *pledge*, dawn kollha irnexxielhom jaħarbu mill-gżira. (dik serjetà!) Fl-andamenti tal-investigazzjoni instab li Mr Hank A. Wharton kellu passaport tiegħu proprja, dak Amerikan kien ġie miżmum xi xhur qabel.

Il-*Connie* inxtara mill-kumpanija BFB Ltd fis-26 ta' Novembru 1973. Jidher li d-ditta Salvatore Bezzina Ltd xrat 50 fil-mija tal-ishma u 50 oħra xtrahom Lewis Camenzuli Ltd, b'hekk iffurmaw *partnership* imsejjaħ BFB Ltd. Sar irkant mill-gvern tal-ġurnata, u din il-kumpanija ġdida, il-BFB Ltd xtrat il-*Connie* għas-somma ta' £5,450 lira Maltin. Niftakar sewwa, lil ħija Leli, kien għadu kif xtara l-kamera tar-ritratti Yashika 100, allura ma jonqosx li jien u hu morna nieħdu l-ewwel ritratti. Niftakar huma u jirmonkawh fit-telgħa tal-Karwija, ħarġilhom kwantità kbira ta' *aviation fuel* u kellhom jieqfu fl-ewwel għalqa, mingħalija dik ta' Nardu Mizzi, is-*Summienu*. Aktar tard inġarr għal għalqa oħra, aktar viċin ir-raħal fejn iċ-ċimiterju ta' San Nikola, ġo dik ta' Wistin Axiaq, tal-*Giżija*.

F'Ġunju tal-1974, il-kumpanija BFB Ltd rat kif għamlet u ikkonvertiet dan l-ajruplan f'bar għal spiża li kienet tammonta għal aktar minn 10,000 lira Maltin. Niftakar tajjeb lil Anġlu Bajada u Charlie Faenza, li kienu l-moħħ wara din il-biċċa entrapriża. Aktar tard, inbniet kċina fuq it-travi tal-ħadid u sar *restaurant* ukoll. Dan ir-*restaurant* ġie abbandunat għall-ħabta ta' Ottubru 1988, wara kważi erbatax-il sena jiffunzjona. Fl-ewwel snin, ta' meta ġie kkonvertit f'bar, il-*hostess* kienet tilqgħek bi speċi ta' passaport żgħir, bi ftit informazzjoni fuq il-*Connie*.

Bħal kull ħaġa fid-dinja, maż-żmien kollox jindara, xejn ma jibqa' jleqq. Is-sidien qishom tħawdu

bejniethom u ma baqax post li jiġbdek. Jidher li fl-1993, il-*Malta Aviation Museum* kien għamel ftehim mas-sidien biex il-*Connie* jiġi akkwistat minn dan il-mużew ħalli jiġi ppreservat u gawdut mid-dilettanti tal-ajruplani kollha. Skont is-Sur Robin J. Zammit, huwa personalment ħa l-inkarigu li jsewwi l-ħsarat li bdew jidhru f'partijiet tiegħu, u jevita li ssirlu aktar ħsara. Huwa wkoll qabbad inġinier li jispeċjalizza fuq il-manteniment tal-ajruplani biex iħejjilu rapport dwar is-sura tal-*airframe* u ħaseb ukoll li jdawwar din l-għalqa b'*fence* għoli ħalli jevita li ssirlu aktar ħsara mill-immigranti illegali u żgħażagħ li kienu qed jivvandalizzawh.

Fil-fatt huwa kien neħħa t-taraġ tal-ħadid, ħalli jnaqqas l-aċċess għalih. Tentattiv biex dan l-ajruplan li issa kien sar sinonimu ma' Ħal Kirkop jittieħed il-mużew tal-avjazzjoni, fallew jew baqgħu biss fuq il-karti, għax fit-30 ta' Jannar 1997, idejn moħbija ġabu fix-xejn dan il-ġawhra ta' ajruplan. Nirien kbar ħakmuh, u fi ftit sigħat sar skeletru tal-metal! Kienet telfa kbira, għax hekk intemm ħesrem dak li sa ftit ilu forsi kellu jkun esebit f'mużew spiċċa qabda *scrap*. Addio l-*Connie*, addio dawk il-pjani biex jiġi ppreservat u mgħotti mill-elementi ġo mużew. Kulħadd tellief, b'mod dirett aħna bħala Koppin, tlifna *landmark* unika. Min bħali qatta xi sigħat ġol-bar tas-*Super Constellation*, żgur ħass għafsa ta' qalb għal dina t-telfa rreparabbli. Nistgħu ngħidu biss, darba kellna l-*Connie*.

Biex inkunu għidna kollox, il-fondazzjoni tal-mużew xtrat il-fdalijiet tal-*Connie* li kienu jikkonsistu mill-ġwienaħ, l-*undercarraige* u l-magni. Forsi jibqgħu relikwi?

Nagħlaq dan l-artiklu żghir billi nirrakkonta praspura li kienet ġratilna fuq dan l-imbierek ta' ajruplan. Peress li kien ftit passi bogħod mill-qalba tar-raħal, u ma kellniex bżonn ta' trasport, ħafna żgħażagħ konna mmorru hemmhekk. Lejla minnhom iddeċidejna li neqilbu fuq ix-xarba sambuca. Jekk niftakar sew, il-*barman* kien ċertu Frans minn Ħal Qormi, u dan fis-sambuca beda jwaddbilna ċiċra kafè u jixgħelilna. Wara xi erba' *drinks* sew, Żeppi Azzopardi l-kuġin, jolqot tazza minnhom u l-ispirtu jaqbad, ġera malajr għal fuq it-tapit. F'ħakka t'għajn xi ħadd ġera għall-*fire extinguisher* u kkontrollajna kollox, u kif jgħidu 'l Ingliżi *all's well that ends well*, iżda minn dakinhar Anġlu s-sid, kiser il-fus magħna għax ħaseb li għamilniha apposta.

**Referenzi**

Flight International 21 Dec 1994-3 Jan 1995 - Constellation - Star attaction. http:/www.conniesurvivors,.com/5T-TAF
The Times, Monday, March 10, 1997 - R.J. Zammit